MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru. 61/2005

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Magri)
vs
Keith Pace, iben Lawrence, imwieled Pieta' fl-10 ta' Lulju, 1980, Karta ta' l-Identita numru 327480(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-Marsa, fit-22 ta' Jannar, 2005, għal ħabta tat-8.00 a.m., ikkometta serq ta' somma flus u kwantita ta' deheb mill-fond numru 63, Triq l-Assunta, Marsa liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-lok u li seħħ għad-dannu ta' Theresa Zerafa, anzjana ta' 65 sena;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtrara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk

dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bla ordni skont il-liġi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Blanche Micallef kontra l-volonta' tagħha;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurja, hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' PC1604 Lawrence Sciberras, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. talli fil-Marsa, fl-14 ta' Settembru, 2003 għal ħabta tal-5.30 p.m., f'garage numru 53, Triq il-Kappuċini, bil-ħsieb li jisraq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi sgassa l-katnazz tal-bieb ta' l-imsemmi garage, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
6. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġi mħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' April, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikoli 261(b)(ċ)(g)(k), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 330, 279(b), 280, 281, 289, 334, 85, 86, 41(1)(a), 261, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat is-'social enquiry report' eżebit fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2010.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat eżebita fis-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2010.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-22 ta' Jannar, 2005 il-pulizija irċeviet rapport li l-fond numru 63, Triq l-Assunta, il-Marsa kellu l-bieb ta' barra miftuħ u kien hemm xi nies ġewwa. F'dan il-fond kienet tgħix ċerta Theresa Zerafa, anzjana ta' tnejn u tmenin (82) sena. Fil-fatt il-pulizija marru fuq il-post u sabu l-bieb ta' barra sgassat u miftuħ. Huma telgħu fuq il-bejt ta' dan il-fond u raw żewġ persuni nieżlin li kienu qed jippruvaw jaħarbu minn fuq il-bjut. Il-pulizija ndunaw li dawn il-persuni daħlu f'garage u minnhekk arrestaw lil Kevin Borg. Fuq il-persuna tiegħu nstab basket li kien enveloppes bil-flus. L-imputat ma nstabx ma Kevin Borg.

Illi minn dan il-fond insterqu madwar Lm1,500 fi flus kontanti u xi ftit deheb. Ir-refurtiva kollha ġiet irkuprata mill-pulizija. Ir-refurtiva instabet f'garage li hu l-workshop ta' mastrudaxxa.

Illi l-imputat ma nstabx miegħu iżda ftit wara l-imputat ġie arrestat barra l-fond numru
59, Triq l-Assunta, il-Marsa. Mill-provi prodotti jirrizulta li f'dan il-fond toqgħod Josephine Micallef. Dak in-nhar kellha magħha n-neputija Blanche Micallef tifla ta' ħdax (11) il-sena. Jirrizulta li l-pulizija marru f'dan il-fond ifittxu lit-tieni persuna iżda ma sabu lil ħadd. Ftit wara, Josephine Micallef marret fil-bitħa, sabet raġel u bdiet twerzaq. Din il-persuna dawret wiċċha u ħarġet. Hu kellem lit-tifla Blanche Micallef u qallha li ried joħroġ. Fil-fatt, hu ħareġ minn dan il-fond. Josephine Micallef ħarġet sal-bieb ta' barra. Rat il-pulizija fit-triq u infurmathom

b'dak ir-raġel li ħareġ mid-dar tagħha. Il-pulizija arrestaw din il-persuna li rrizulta li kien l-imputat.

Illi mill-provi prodotti, mix-xhieda ta' Josephine Micallef, Blanche Micallef u mid-dinamika ta' l-inċident ma jirrizultax li l-imputat f'xi ħin arresta, zamm jew issekwestra lil Blanche Micallef.

Illi l-imputat ġie arrestat minn PC1604 Lawrence Sciberras li xehed li ħwejjeġ l-imputat kienu biċ-ċana u rah ħiereġ mill-fond numru 59 li hu bieb ma bieb mal-workshop tal-mastrudaxxa. L-imputat ġie akkużat li nġurja, hedded jew għamel xi offiża fuq dan il-pulizija. Mix-xhieda ta' dan l-istess pulizija ma jirrizulta ebda fatt li bih l-imputat inġurja, hedded jew għamel offiża fuq PC1604 Lawrence Sciberras.

Illi l-imputat dejjem ċaħad li kellhu x'jaqsam ma din is-serqa. Mill-provi prodotti u speċifikatament mix-xhieda tal-pulizija jirrizulta li dawn raw persuna liebsa f'mod u meta raw lill-imputat raw li kien liebes bl-istess mod. Il-pulizja sabu somma ta' flus (Lm120) fuq il-persuna tiegħu u ħwejjġu biċ-ċana. Minbarra dan, l-ispjegazzjoni li ta lill-pulizija għal prezenza tiegħu f'dik it-triq mhiex kredibbli. Mingħajr ma ninsew li l-pulizija raw ħiereġ mill-fond numru 59. Il-provi kollha jindikaw li l-imputat kien involut fis-serqa mill-fond numru 63, Triq l-Assunta, Marsa.

Illi l-imputat hu akkużat ukoll li fl-14 ta' Settembru, 2003 wettaq tentattiv ta' serq mill-garage numru 53, Triq il-Kappuċċini, Marsa. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li hemm xi prova li l-imputat wettaq dan it-tentattiv f'dan il-garage partikolari. Lanqas ma hemm xi prova li dan it-tentattiv ta' reat sar fid-data ndikata.

Illi l-imputat hu akkużat li hu reċidiv. Rat is-sentenzi tal-24 ta' Lulju, 2000 u tat-28 ta' Novembru, 2000 ta' din il-Qorti u tiddikjara li l-imputat hu reċidiv skont il-liġi.

Illi l-imputat qed joġġezzjona għall-ispejjeż li talvolta jista' jinkorri u dawn ir-raġunijiet huma edotti fin-nota tiegħu pprezentata lil din il-Qorti. Din l-oggezzjoni ma tistax tiġi

milqugħ peress li l-ħatra tal-Avukat David Camilleri ma kinitx limitata għal ġbir tax-xhieda biss iżda l-inkarigu tiegħu kien aktar wiesa minn hekk.

Illi dwar il-piena l-imputat qed jitlob li ma jingħatx piena karċerarja effettiva. Ir-raġuni hi li hu qedjuri l-volonta' soda tiegħu li wara li temm jiskonta l-piena karċerarja li qed jiskonta attwalment jibda ħajja ġdida. Fil-fatt, hu talab biex jibda programm għar-riabiltazzjoni mill-vizzju tad-droga u temm b'suċċess kors mal-E.T.C. għat-tiswija tal-karozzi. Mid-daqqa ta' għajn, l-imputat għandu fedina penali pjuttost twila u diġja weħel piena ta' ħabs u huwa reċidiv. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat għandu jingħata l-aħħar opportunita' biex jirriforma ruħu. Hawnhekk, qed issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v George Farrugia' pronunzjata fit-18 ta' Jannar, 2001 fejn l-Qorti kienet tal-fehma li l-imputat kellhu jingħata opportunita'. Skont dik is-sentenza, din il-Qorti hi lesta li testendi l-id ta' l-għajnuna lill-imputat odjern.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-ewwel u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ), 263, 264, 265, 266, 267 u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation, taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kontra l-imputat għal perjodu ta' tlett snin liema perjodu għandu jibda tiddekorri minn meta l-imputat jispiċċa jiskonta l-piena karċerarja li qed iservi bħal issa. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat biex iħallas is-somma ta' mitejn u erbgħin euro (€240) nofs l-ispejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------